FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 27 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija
(Spett Joseph Cordina)

vs

Christopher Drago
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra dan l-imputat ta' karta ta' identita' numru 411867m akkuzat talli:

1. fit-22 ta' Mejju 2003 u fiz-zmienijiet ta' qabel, f' B'kara u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

2. fl-istess cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, imannifattura, idduplika jew mod iehor offra ghal bejh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-ligi ta' Malta

3. fl-istess cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalieh jew ghal haddiehor, jew bil-hsieb li jikkaguna telf li xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-propjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma trademark registrata tal-marka Phoenix jew biegh jew kera , offra ghal bejgh jew kera jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettar taghhom kellu fuqhom sinjal bhal dak jew kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil ghan li hu jew persuna ohra taghmel reat fuq imsemmi;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat b' falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il pattijiet dispozizzjonijiet obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

6. fl-istess cirkostanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

7. fl-istess cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamiltul uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel;

**Billi fuq talba tal-Kontrullur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT akkuzati**

8. talli fl-24 ta' Mejju 2003 wara tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija f'mahsen fi Triq Mabel Strickland, Lija nstab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, kontra il-ligi, bil-hsieb illi bil-qerq seta jinharab milli jithallas d-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta jew biex tehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni li tkun tghodd, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depozitati ghandu, 1403 television tal-kulur, tal-marka Phoenix, li fuqhom hemm id-Dazju, u l-VAT ma kienux gew imhallsa u/kawtelati;

   Valur LM 55, 930   Dazju LM 7,830   VAT Lm9,564

9. fl-istess perjodu ta' zmien, post u cirkostanzi, xjentement kellu x'jaqsam f'illi b'xi mod iddispona kontra il-ligi minn televisiond ta' din ix-xorta u dan bil-hsieb illi bil-qerq seta seta jinharab milli jithallas d-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa ohra dovuta fuq dawn it-televisions. ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

10. fl-istess perjodu ta' zmien, zamm, laqa', importa jew dahhalghen u/jew kellu b'xi mod x'jaqsam fl-importazzjoni jew fid-dhul f'dawm il-Gzejjer b'mod illegali dawn it-televisions;

11. talli fit-8 ta' Mejju 2003,u/jew f'xi data qabel, bil-komplicita u/jew bil-kooperazzjoni ta' xi persuna u/jew persuni ohra biex jiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalihom u/jew ghal haddiehor xjentement, issottomettew lid-Dipartiment tad-Dwana, fatturi li jgibu n-numri ULTR/05/100 u ULTR/05/101 datati 6 ta' April 2003. kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R40124, liema dokumenti juru valuri anqas minn dawk originali. B'dawn id-dokumenti, xjentement , ghamlu dikjarazzjoni falza li jirrigwarda valuri reali. Fir-rigward tal-fattura ULTR/05/100. il-valur dikjarat kien ta' LM 6210, Dazju imhallasta' LM 869 u VAT LM 1062, meta fil-fatt il-Valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu LM16,360, LM2290, LM2738 rispettivament. Fir-rigward tal-fattura ULTR/05/101, il-valur dikjarat kien ta' LM 5328, Dazju mhallas ta' LM 746 u VAT LM 911, meta fil-fatt il-Valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu ta' LM 15,120, LM 2117 u LM 2586 rispettivament. Il-merkanzija in kwestjoni, li kienet tikkonsisti f'totali ta' 625 televisions tal-kulur tal-marka PHOENIX, kienet importa f'Malta f'Mejju 2003 u giet rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana Release Order R40124 fit-8 ta' Mejju 2003;

12. b'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lil-Gvern ta' Malta, xjentement keelhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab id-Dazju, u l-VAT fuq l-importazzjoni li jammontaw ghal LM 2792 u LM 3411 rispettivament, dovuti lill-Gvern ta' Malta;

13. talli fil-28 ta' Marzu 2003, f/jew f'xi data qabel, taht l-istess cirkostanzi, xjentement, issottmettew lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu n- numri ULTR/03/160 u ULTR/03/161, datati 3 ta' Frar 2003, kif wkoll dikjarazzjoni bin-numru R25962, liema dokumenti juru valur anqas minn dawk originali. B'dawn id-dokumenti, xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' LM 8829, Dazju mhallas ta' LM 887 u VAT LM 1340, meta fil-fatt il-Valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu LM 15,951, u LM 1700 u LM 2650 rispettivament. Il-merkanzija in kwestjoni li kienet diversa, giet rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana Release Order R25932 fit-28 ta' Mejju 2003;

14. b'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lil-Gvern ta' Malta, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab id-Dazju, u l-VAT fuq l-importazzjoni li jammontaw ghal LM 813 u LM 2650 rispettivament, dovuti lill-Gvern ta' Malta;

15. talli fil-27 ta' Frar 2003, f/jew f'xi data qabel, taht l-istess cirkostanzi, xjentement, issottmettew lid-Dipartiment tad-Dwana fatturi li jgibu n- numri ULTR/03/90, ULTR/03/91, ULTR/03/93, ULTR/03/94, ULTR/03/95, ULTR/03/96, ULTR/03/97 datati 20 ta' Jannar 2003, kif wkoll dikjarazzjoni bin-numru R15396, liema dokumenti juru valur anqas minn dawk originali. B'dawn id-dokumenti, xjentement ghamlu dikjarazzjoni falza li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' LM 20,784, Dazju mhallas ta' LM 2489 u VAT LM 3491, meta fil-fatt il-Valur, Dazju u VAT reali kellhom ikunu LM 40,980, LM 4947 u LM 6891 rispettivament. Il-merkanzija in kwestjoni li kienet diversa, giet rilaxxata bid-dokumenti tad-Dwana Release Order R15396 fit-27 ta' Frar 2003;

16. b'hekk bil-hsieb li jiffrodaw lil-Gvern ta' Malta, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu filli bil-qerq jinharab id-Dazju, u l-VAT fuq l-importazzjoni li jammontaw ghal LM 2458 u LM 3400 rispettivament, dovuti lill-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti mitluba biex f'kaz ta' htija terz tal-piena tal-flus, jitqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lil-Gvern ghat-terminu tal-provisio fl-Att 62 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzu tal-Avukat Generali fil-konfront ta' dan l-imputat

Rat li l-imputat ma kellux oggezjoni sabiex il-kawza tinstema' sommarjament;

Rat l-atti u d-dokumenti kolha;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi l-att t'akkuza f'din il-kawza jirrisali ghal-ewwel ta' Marzu 2005. Ir-rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali nhareg f'Mejju 2014 (disa snin mill-presentata) u kondizjonatament sabiex il-Qorti, qabel ma tisma' il-provi tad-difisa, tisma' ix-xhieda li l-Avukat Generali specifikatament irrikjeda, u li fid-disa' snin precedenti, u anka wara, sahansitra sal-gurnata tal-lum, l-prosekuzzjoni naqset li tipproduci. Izda, mhux biss, ghaliex matul dan iz-zmien kollu kull ma ghamlet il-prosekuzzjoni hu li esebit il-proces verbal (kompriz f'tmien volumi).

Intant, skond il-fehma tal-Avukat Generali, kontra l-odjern imputat, kien tal-fehma li setghet tinstab htija:

a) fl-Artikolu 298(1)(f), 298B, u 18 tal-Kap 9;
b) fl-Artikolu 72(1)(a)(b)(c)(4), tal-Kap 416 u l-Artikolu 18 tal-Kap 9;
c) fl-Artikolu 183, 184, u 18 tal-Kap 9;
d) fl-Artikolu 186, 188 u 18 tal-Kap 9;
e) fl-Artikolu 18, 60(a)(b)(c)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(k)(m) tal-Kap 37 u l-Artikolu 18 tal-Kap 9;
f) fl-Artikolu 18(a) tal-Kap 337, Artikolu 80 u 81 tal-Kap 406;

Ikkonsidrat:

Illi fil-kawza ebda spettur prosekutur ma xehed dwar ir -'res gesta' u x'wassal biex jittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront ta' dan l-imputat. Huwa skoncertanti tinnota li aktar minn disa snin wara, ma ngabet lanqas farka ta' prova biex jissostanzjaw l-akkuzi.

Illi din tan-nuqqas ta' imqarr prova wahda hija amplifikata mill-atti tal-inkjesta li fuqa qed tistrieh il-prosekuzzjoni sabiex tirnexxi f'din il-kawza. Fil-kuntest tal-inkjesta l-Qorti tinnota li l-fonti taghha kien rapport lill-Pulizija Esekuttiva minn' certu Steven Petroni rigwardanti televizjonijiet tal-marka 'Phoenix' dwar liema allega li l-isem distintiv, igifieri it-'trademark' taghhom, kien falz. Kien stqarr dan Petroni li t-televizjonijiet kienu qed jinzammu f'garaxx Hal Lija proprjeta' tal-imputat.

Intant, huwa fatt li l-allegazzjoni koncernanti l-isem distintiv tat-televizjonijiet, kif jirrisulta mill-proces verbal, ma kinitx treggi u ghaldaqstant ma baqax tigi persegwibbli mill-pulizija. Li, invece, jirrisulta hu li l-pulizija mexxew fuq dak li l-Magistrat Inkwirenti indikat fil-paragrafu (2) tal-proces verbal b'referenza ghar-relazzjoni tal-espert tekniku minnha nominat (vide Volum 3, mhux 1, kif erronjament indikat, dok.MB a folio 24 sa 32) fl-liema jinghad "li certu dokumentazzjoni elenkata mill-Pulizija hija irregolari fis-sens li ghandha partijiet taghha inkollata b'mechanical fit [u] hemm ukoll xi dokumentazzjoni li giet ipprezentata lid-Dwana mal-Custom Entry li huma irregolari fis-sens li l-header u l-footer taghhom ittiehdu minn dokumenti ohra (vide fol 26 tar-relazjoni document VB) {oltre} li hemm ukoll xi dokumentazzjoni b'xi firma mizjuda."

Inghad dan, m'ghandux ikun hemm dubbju, li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti qeghdha ghalhekk tilliberah.

A.M.Trigona
Magistrat